MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2014

Avviz Numru. 179/2012

**Double R Meats Co. Ltd (C-21340)**

**vs**

**Mark Pace f’ismu proprju kif ukoll ghan-nom ta’ Manic Company Ltd (C-47122)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta’ attrici Double R Meats Co. Ltdypprezentat nhar it-22 ta’ Mejju 2012 fejn talbet lill-konvenut Mark Pace f’ismu proprju kif ukoll ghan-nom ta’ Manic Company Ltd ihallasha is-somma ta’ sitt elef, erbgha mija u wiehed u tletin Ewro u wiehed u sittin centezmu (€6,431.61) rapprezentanti prezz dovut lis-socjeta’ mittenti ghal bejgh ta’ merkanzija u fuq struzzjonijiet tieghu.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuti jew min minnhom mid-data tal-fattura relattiva, li tibqa' ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Mark Pace f'ismu proprju kif ukoll ghan-nom ta' Manic Company Ltd li giet prezentata fit-18 ta' Gunju 2013 fejn eccepixxa:

*1. "Illi primarjament, l-esponenti Mark Pace huwa ghal kollox estraneu fir-relazzjoni guridika bejn is-socjeta' attrici u l-eccipjenti Manic Company Ltd, u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.*
*2. Illi di piu, ma huwiex minnu li jezisti xi ammont dovut da parti tas-socjeta' Manic Company Ltd, fil-konfront tas-socjeta' attrici.*
*3. Illi minghajr pregudizzju ghal premess, jigi rilevat illi s-socjeta' attrici ghandha tipprova kif waslet ghal komputazzjoni ta' l-ammont reklamat fl-avviz promotur.*
*4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri ohra jekk ikun il-kaz."*

**Steve Rizzo** xehed fit-2 ta' Ottubru, 2013 fejn iddikjara li huwa jokkupa l-kariga ta' direttur tas-socjeta' attrici u ghandu numru ta' ishma. Is-shareholders l-ohrajn huma wliedu Shawn u Gail Rizzo. Ix-xhud spjega li huma jimpurtaw il-laham u jiddistribuh lil restoranti varji hawn Malta. Il-konvenut odjern kien interessat li jixtri l-laham minn ghandhom, fil-fatt kien cempel u kkomunika mal-ufficju taghhom u x-xhud baghtlu *sales representative* taghhom. Dan beda jixtri minn ghandhom izda fid-daqqa u l-hin waqaf li jaghmel il-pagamenti. Mistoqsi mill-Qorti x'kienet ir-relazzjoni tieghu, jekk kinitx ma' Mark Pace de propju jew ma' Mark Pace ghan-nom tas-socjeta' Manic Company Limited wiegeb billi pprezenta numru ta' *invoices* u statement. Dawn gew immarkati mill-Qorti bhala Dok. Z rispettivament. Huwa kkonferma li l-bilanc dovut lis-socjeta' tieghu huwa fl-ammont indikat fir-rikors promotur. Ix-xhud tenna li huma kienu kitbulu diversi drabi lill-konvenut sabiex ihallas pero' nonostante dan xorta baqa' ma hallas xejn.

**Steve Rizzo** xehed in kontro-ezami fit-30 ta' Ottubru 2013 fejn iddikjara li l-ftehim originali effettivament kien sar mal-

konvenut Mark Pace. Ix-xhud spjega li l-konvenut kellu restaurant gewwa Paceville. Mistoqsi min effettivament tahom l-isem tal-kumpanija u cioe' Manic Company Limited, company number 47122 kif indikat fl-invoices esebiti minnu, wiegeb li dan gie moghti lilhom minn Mark Pace stess. Mistoqsi jekk apparti dawk esebiti hemm xi invoices ohrajn, wiegeb li ma jidhirlux li huwa l-kaz. L-invoices fil-fatt huma kollha mahrugin Mark Pace Company Number 47122, Manic Company Limited, Dragonara Road, St Julians. Mistoqsi x'kariga kellu is-sur Pace f'din is-socjeta' Manic Company Limited, wiegeb li ma jafx, pero' jaf li kien responsabbli ghall-xiri tal-oggetti tar-restaurant u ghalhekk qal li Mark Pace kien jaghmel l-ordni tieghu ghar-restaurant. Jekk hemm Manic Company Limited miktuba fuq l-invoices, dan huwa rizultat ta' dak li kien qalilhom Mark Pace.

Rat l-affidavit ta' **Mark Pace** li gie prezentat fl-4 ta' Dicembru 2013 li permezz tieghu ddikjara li fis-sena 2009 huwa kien dahal fi ftehim sabiex jiggestixxi negozju ta' bar u restorant fil-hanut li qabel kien igib l-isem 'Bamboo' gewwa Paceville. Huwa kien biddel l-isem tal-hanut ghal 'Orang'. Huwa spjega li kien avvicina l-awditur u bdew l-process sabiex tigi registrata l-kumpanija Manic Company Ltd, liema kumpanija kellha rwol li tiggestixxi n-negozju tal-bar u r-restorant imsemmi fl-affidavit. Il-konvenut jiftakar li dak iz-zmien huwa kien ghamel proceduri sabiex jirregistra l-kumpanija Manic Company Ltd, u dan partikolarment peress li ried jiddistingwi dan in-negozju, min-negozju principali tieghu li huwa negozju ta' kiri u *leasing* ta' karozzi. Ghal dan il-ghan giet registrata l-kumpanija Manic Company Ltd. Il-konvenut tenna li kull fattura u rcevuta li kellha x'taqsam mal-hanut 'Orang' kienet tohrog fuq Manic Company Ltd. Huwa stqarr li meta kien jitnizzel ismu fuq xi fatturi, dan kien jitnizzel fil-kapacita' tieghu ta' direttur tal-kumpanija Manic Company Limited.

Rat dak li gie verbalizzat mill-avukat difensur tal-konvenuti u dan fis-seduta tal-11 ta' Dicembru 2013 (fol. 65) u cioe' illi s-socjeta' Manic Co. Ltd kienet tiggestixxi l-lok fejn gie suplit il-laham.

Rat li l-avukati difensuri tal-partijiet iddikjaraw li ma kellhomx provi ohra xi jressqu u ghalhekk awtorizzaw lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha.

**Ikkunsidrat.**

Fl-ewwel lok din il-Qorti ghandha tindirizza l-ewwel ecezzjoni ta’ Mark Pace de proprio u cioe’ li huwa mhux il-legittimu kontradittur tas-socjeta’ attrici ghaliex huwa ghal kollox estraneju fir-relazzjoni guridika bejn is-socjeta’ attrici u s-socjeta’ konvenuta u li ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet ‘**Frankie Refalo et vs Jason Azzopardi et’** deciza nhar l-hamsa (5) t’Ottubru 2001 mill-Qorti tal-Appell dwar l-istitut tal-legittimu kontradittur. Dik il-Qorti sostniet li:

*“Biex jigi stabilit jekk parti in kawza kienetx jew le legittimu kontradittrici tal-parti l-ohra, l-Qorti trid bilfors tivverifika prima facie jekk il-persuna citata filgudizzju, kienetx materjalment parti fin-negozju li, skond l-attur, holoq ir-relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti.*

*Jekk dan in-ness jigi stabbilit, il-persuna citata setghet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi ghat-talbiet attrici, inkwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan inkwantu il-premessi ghaliha, jekk provati, setghu iwasslu ghall-kundanna mitluba f'kaz li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-ligi x'jopponi ghaliha. Dan, naturalment ma jfissirx li jekk il-Qorti tiddeciedi li l-konvenut kien gie sewwa citat inkwantu jkun stabbilit li l-interess guridiku tieghu fil-mertu kif propost mill-attur illi hu kellu necessarjament ikun finalment tenut bhala l-persuna responsabbli biex tirrispondi ghat-talbiet attrici kif proposti, kif lanqas ifisser li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-mertu, fosthom dik li t-talbiet attrici kellhom fil-fatt ikunu diretti lejn*

*haddiehor ukoll inkwantu dan ikun involut fl-istess negozju u li allura seta' jigi wkoll citat bhala legittimu kontradittur fil-kawza.*

*Id-dikjarazzjoni tal-Qorti li parti 'n kawza tkun legittimu kontradittur lanqas ma kienet tfisser li l- Qorti ma setghetx, fil-konsiderazzjoni tal-eccezzjonijiet opposti ghat-talbiet, tasal ghall-konkluzzjoni li l-konvenut - dikjarat prima facie legittimu kontradittur- kien wara t-trattazzjoni tal-kawza jirrizulta ghal kollox estranju ghar-responsabilitajiet lilu addebitati mill-attur fl-azzjoni minnu tentata".*

F'kaz bhal dan il-konvenut Mark Pace ghandu definittivament u konvincevolment jipprova mhux biss li l-ftehim sar ghas-socjeta' gestita minnu imma wkoll li fil-mument meta sar tali ftehim s-socjeta' attrici kienet konsapevoli tal-fatt illi hu kien qed jagixxi in rapprezentanza tas-socjeta' tieghu u cioe' Manic Company Limited. Dan hu ampjament pacifiku fil-gurisprudenza taghna.

*'Hija haga minn lewn id-dinja li bniedem normalment jikkuntratta ghalih innifsu sakemm ma jindikax li qieghed jikkontratta f'isem haddiehor jew jekk dan ma jindikax espressament il-kontraent l-iehor ikun ragonevolment jaf li jkun qieghed jikkontratta f'isem haddiehor. ('**Frank Cilia nomine vs Charles Scicluna**' deciza mill-Qorti tal-kummerc fis-27 ta;' April 1992 u '**Anthony Caruana et vs John Magro et'** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Otubru 1999.'*

*Hu dak il-mument li kien rilevanti u kien f'dak il-mument illi min jinnegozja mas-socjeta' attrici kellu jirrileva b'mod car u univiku illi f'dik il-kuntrattazzjoni ma kienx qieghed jidher f'ismu imma f'isem persuna ohra ben identitfikata. Kellu jassigura li dan il-fatt ikun gie sewwa a konoxxenza tas-socjeta' attrici f'dak il-mument ghaliex altrimenti jkun qieghed jassumi personalment ir-responsabilita' ghan-negozju minnu kontrattat u ghall-obbligi li kien jimporta' **John Vella noe s Anthony Vella et'** ( Appell 3 ta' Dicembru 1999).*

Kif rimarkat fid-decizjoni fl-ismijiet '**<u>Joseph Grech vs Domenico Savio sive Savio Spiteri et'</u>** deciza 25 ta' Mejju 2001, *'il-prova dokumentarja allura kienet pjenamaent tiggusitfika lill-attur meta dan agixxa kontra l-konvenut personalment u din tkompli tigi imsahha mill-affermazzjoni guramentata tal-istess attur illi sal-mument meta pprezenta citazzjoni hu ma kienx konsapevoli tal-fatt illi l-konvenut kien qed jiggestixxi n-negozju bl-isem ta' xi socjeta'. Il-qawwa tal-prova skritta kienet tirrikejdi prova ferm aktar valida biex jigi stabilit il-kontra ta' dak li minnha jirrizulta. Certament ma kienx bizzejjed illi l-appellant jafferma dak li kien apparentement maghruf lilu biss u cioe' l-ezistenza tas-socjeta' qua gestatrici tan-negozju izda li ma kienx maghruf lil terz fosthom lill-appellant.'*

Illi f'dan il-kaz jirrizulta kemm mix-xhieda tal-konvenut Mark Pace kif ukoll minn dak li qal Steve Rizzo in rappresentanza tas-socjeta' attrici li effettivament il-konsenja laham kienet ghas-socjeta' konvenuta. Fil-fatt Steve Rizzo stess jghid li meta il-konvenut Mark Pace mar jinnegozja mieghu fuq xiri ta' laham kien qallu sabiex jibghat l-invoices f'isem is-socjeta' konvenuta u fil-fatt kien tah anke in-numru tal-kumpanija u l-indirizz ta' l-ufficcju registrat taghha.

Il-Qorti ezaminat l-invoices esebiti minn Steve Rizzo u minn ezami tal-istess jirrizulta li effetivament is-socjeta' attrici kienet konsapevoli li kienet qed tinnegozja ma' din l-istess socjeta' konvenuta tant li fl-invoices (Dok Z a fol 43 et seq) hemm imsemmija din is-socjeta' bil-partikularitajiet taghha.

Konsegwentement din l-eccezzjoni ta' Mark Pace de proprio qed tigi milqugha u l-Qorti ghalhekk qed tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju.

Jibqa' ghalhekk li din il-Qorti tkompli bis-sentenza taghha fil-konfront tas-socjeta' konvenuta. Steve Rizzo xehed u kkonferma li s-socjeta' attrici ghamlet diversi konsenji ta' laham lis-socjeta' konvenuta u dan fi granet differenti kif hemm imsemmi fid-diversi invoices esebiti. Illi pero'

minkejja dan, is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti fil-hlas taghha u li ghalhekk kellha issir din i-kawza.

Is-socjeta' konventua fl-eccezzjonijiet taghha tecepixxi li mhux minnu li hija ghandha taghti s-somma reklamata mis-socjeta' attrici fir-rikors promotur u konsegwentement tirrileva li hija s-socjeta attrici li ghandha tipprova li dak l-ammont reklamat minnha huwa fil-fatt dovut fl-intier tieghu. Is-socjeta' attrici resqet lil Steve Rizzo Managing Director tas-socjeta' attrici li kkonferma li dan l-ammont huwa kollu dovut u dan skond l-invoices esebiti.

Minn naha l-ohra s-socjeta' konvenuta Manic Company Ltd minn naha taghha apparti l-eccezzjonijiet taghha ma resqet l-ebda prova sabiex tikkontradixxi dak li qalet jew ahjar ipprovat is-socjeta' attrici fir-rigward il-konsenji li saru jew addirittura fir rigward in-nuqqas ta' hlas li sar da parti taghha. Strahet biss fuq l-affidavit tal-konvenut.

**Konsegwentement din il-Qorti, filwaqt li qed tillibera lill-konvenut Mark Pace de proprio mill-osservanza tal-gudizzju, qieghda tilqa' it-talba attrici fil-konfront tas-socjeta' konvenuta b'dan illi qed tichad l-eccezzjonijiet taghha u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici dik is-somma mitluba minnha fir-rikors promotur fl-ammont ta' sitt elef, erbgha mija u wiehed u tletin Ewro u wiehed u sittin centezmu (€6,431.61).**

**Bl-ispejjez a karigu tas-socjeta' konvenuta u bl-imghax mill-14 ta' Novembru 2012 kif mitlub mis-socjeta' attrici fir-rikos promotur.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------